MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Numru. 376/2010

**Il-Pulizija**

**(Spt. Frank A.Tabone)**

**vs.**

**Mario Xuereb**

**Distrett. Kaz. Nru. 376/2010**

**22 ta’ Mejju 2012**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mario Xuereb, bin Emanuel u Emanuela nee’ Grima, imwieled fit-18 ta’ Gunju 1982, residenti go “St. Joseph”, Triq l-Arcisqof P. Pace, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita

bin-numru 119882(G) akkuzat talli nhar it-8 ta’ April 2010 ghal habta ta’ 18:45hrs f’Kercem , Ghawdex:-

1. Minghajr il-hsieb li jisraq izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu dahal fil-propjeta ta’ Emanuel Spiteri minn Kercem, Ghawdex u qaleb numru ta’ kantuni u b’dan l-agir ikkommetta spoll vjolenti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali kollha, inkluz id-dokumenti u l-affidavits ezebiti u kif ukoll l-atti tal-kawza Citazzjoni Numru 222/99 li giet allegata ma’ dawn l-atti fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2010.

Rat ir-rapport tal-Perit Cornelia Tabone, liema rapport gie esebiet fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2012 u li gie mmarkat bhala Dok. “CT 1” – liema rapport issostitwixxa rapport iehor immarkat bhala Dok. “CT” u esebiet fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2011.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta’ *ragion fattasi* taht Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hu gie akkuzat li nhar it-8 ta’ April 2010 dahal fil-proprjeta’ ta’ Emanuel Spiteri u qaleb numru ta’ kantuni u kkommetta spoll vjolenti.
Illi l-Qorti nnominat lil Perit Tekniku Cornelia Tabone u ezaminat ukoll ir-rapport mhejji minnha (Dok. “CT 1”) u semghetha wkoll tixhed f’dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-12 ta’ Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, fejn nghad is-segwenti:

“huwa konkordament ricevut fil-gurisprudenza taghna illi l-elementi kostitutivi tar-reat ta’ “*ragion fattasi*”, ex Artikolu 85 tal-Kapitolu 9, huma erbgha, u cioe:-

(1) “Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta’ dan il-haddiehor;

(2) Il-kredenza li l-att qieghed isir b’ezercizzju ta’ dritt;

(3) Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita` pubblika;

(4) In-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi”.
(Ara Appelli Kriminali **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, 14 ta’ Dicembru, 1957 u **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro *et***, 15 ta' Mejju, 2003)”.

Illi wara li l-Qorti ezaminat l-elementi tar-reat ta’ *ragion fattasi* u wara li fliet l-atti processwali kollha u d-dokumenti kollha ezebiti, inkluz ir-rapport mhejji mill-Perit Cornelia Tabone (Dok. “CT 1”), il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset milli tissostanzja b’mod sodisfacenti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, f uq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------